# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija

# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt

*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Ottubru 2010 - NRU. 337*



Għeżież ħuti, il-paċi magħkom,

Jekk inħarsu lejn il-ħajja fl'Antik Testment insibu lil Ġuzeppi li kien jaqra l-ħolm u naraw li kien verament jitwettaq. Jiena ukoll noħlom u naħseb li noħlom iż-żejjed, imma il-ħolm li noħlom qiegħed jsir realta' u dan huwa sabiħ tal-ħajja meta' tara' ħolma titwettaq. Waħda mill-ħolmiet hija l-istatwa tal-faċċata li wara li rajna x'kien l-aħjar jsir inbeda' ix-xogħol u issa wasalna fil-final u propju nhar l- 4 ta' Ottubru festa ta' Missierna San Franġisk din sejra terġa tibda titgawda mhux biss minnha parruċjani imma minn dawk kollha li jgħaddu minn quddiem il-Knisja tagħna. Dan għandu ikun għalina unur li l-Maltin jistgħu igawdu magħna dan il-kopolavur li aħna għandna mal-faċċata tat-tempju ta' Alla. Għalhekk inħeġġiġkom biex tkunu preżenti għal dan l-avveniment important fil-ħajja tal-parroċċa tagħna. Għadna qegħdin niġbru għax għad jonqos għal ħlas tagħha imma naf li intom qalbkom tajba u sejrin tgħinuna żgur. Fl-aħħar mill-aħħar il-parroċċa hija tagħna ilkoll.

Ħolma oħra li qegħda issir realta' hija iċ-ċentru. Ħafna staqsejtuni x'se jsir minnu, u naħseb li r-risposta qegħdin tarawha. Jekk il-Bambin irid dan issir realta ukoll u fix-xahar ta' Diċembru nkunu nistgħu nibdew nuzawh. Dan kollu grazzi għal provinċja tagħna li bil-għajnuna tagħha qiegħed jitkompla ix-xogħol fuq iċ-ċentru. Għalhekk aħna ukoll irridu nagħmlu parti tagħna għaliex wara li jitlesta ikun għad fadal li dan jibda jintela minn ġewwa. Grazzi għal xi persuni diga tawna xi affarijiet biex aħna inkunu nistgħu nibdew imma jonqos għalhekk min għandu xi għamara, bibien ta' ġewwa, ecc li jaħseb li huma utli għaċ-ċentru u li huma tajbin jista' ikellimni.

Qegħdin fix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar iddedikat lil Ommna Marija kif ukoll dan ix-xahar niċċelebraw il-festa ta' Missierna San Franġisk. San Franġisk kien iħobbha ħafna lil Madonna u kiteb ħafna talb sabiħ fuqha. Iżda mhux biss irridu inħobbuha, irridu ukoll inkunu umli bħalha, qalbna tajba, ġeneruzi, ubbidjenti għal Kelma ta' Alla, u li nirrispettaw lil xulxin. Ħafna drabi nonqsu li nagħmlu dan, imma tgħid għaliex, għax aħna suppervi, irridu li tgħaddi tagħna biss, naħsbu li ħaddieħor qiegħed iwarrabna, nsiena, sab li ħaddieħor minflokna, ma għandux bżonna iżjed.
Domandi li nagħmlu ħafna drabi, imma irridu naraw verament jekk aħniex aħna stess li qegħdin noħolqu dawn il-problemi għaliex inkunu

qegħdin inkisru lilna infusna, u dak li inkunu qegħdin nagħmlu ma jkun jiswielna xejn jew dak li inkunu bnejna inħottuh f'qasir iż-żmien. Imma ħbieb fejn hemm l-imħabba ta' Alla, u l-imħabba ta' Marija Santissima u li dak li bnejna huwa ġej kollu minnu kollox jibqa miexi għaliex ir-rieda u qawwa ta' Alla qeda' magħna.

Tkunu imberkin

P. Donald. M. Bellizzi Ofm. Conv
Kappillan

# Djarju Ottubru

**Il-Gimgħa is-Sibt u l-Ħadd 1, 2, 3:** Il-Kunsill Lokali flimkien mal-Parroċċa qegħdin norganizzaw tlett ijiem ta' attivitajiet. Dan sejjer jsir fuq iż-żuntier tal-Knisja. Kulħadd huwa mistieden u tajjeb li nuru l-attendenza tagħna. Għandkom issibu program dettaljat.

**Is-Sibt 2:** Adorazjoni b'riparazzjoni għal-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Gesu' u l-Qalb ta' Marija fis- 6.00pm fil-Knisja.

**It-Tnejn 4:** Festa ta' Missierna San Franġisk. Fis-6.30 ċelebrazjoni fuq iż-żuntier tal-Knisja fejn fiha tiġi mikxufa l-istatwa tal-faċċata li saret mill-ġdid.Fis-7.00 tibda quddiesa solenni ikkonċelebrata minn Mons Arċisqof Guzeppi Mercieca ameritus.

**Il-Ħadd 24:** Fil-Quddiesa tat-8.30am jiġi mogħti mandate lil katekisti li din is-sena sejrin jgħalmu d-duttrina.









# Il- Ġimgħa -- 1 ta' Ottubru




*19:00*
Quddiesa fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Burmarrad

*19.30*
Ftuħ Uffiċjali mis-Segretarju Parlamentari tat-Turizmu Hon. Dr. Mario De Marco

*20.15 - 22.15*
Għana Malti bis-sehem ta Jason tan-Nekus, Jesmond tal-Kalora, Żaru ta' l-iMgarr, Frans Cachia l-Budaj u Mabbli Camilleri

*22.30 - 23.00*
Thea Garrett

# Is-Sibt -- 2 ta' Ottubru




Is-Sit storiku ta' San Pawl Milqi u l-Mitħna tat-Tqiq ser ikunu miftuħin għall-pubbliku nhar is-Sibt bejn l-16.30 u d-21.00 u l-Ħadd bejn il-11.00 u l-17.00

*09:00*
Quddiesa għat-tfal fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Burmarrad

*10:30 - 12:00*
Tour Kulturali madwar ir-raħal ta' Burmarrad. Tluq minn fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Burmarrad. Ser inżuru ġawhar kulturali li jinsabu f'Burmarrad jew fl-akkwati tiegħu, fosthom il-Villa Rumana ta' San Pawl Milqi, naraw il-veduta minn fuq l-għolja ta' Ġebel Għazzara, inżuru l-mitħna tat-tqiq, il-Kappelli ta' San Mikiel u Tal-Lunzjata, t-Tempju Megalitiku Tal-Qadi, u l-Katakombi tas-Salina



*19:00*
Quddiesa fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Burmarrad

*20:30 - 22:30*
Selezzjoni ta' muzika Maltija mħallta ma' muzika Pop u Rock minn Spiteri Lucas Band akkumpanjati mill-kantanti popolari:
- Claudia Faniello
- Neville Refalo
- Debbie Scerri



*23:00 - 23.30*
Xow mill-Grupp popolari 'Zoo'

## Il- Ħadd -- 3 ta' Ottubru

*09:30*
Quddiesa San Pawl Milqi animata mill-grupp RiSE

*10:30 - 11:30*
Parata madwar ir-raħal bl-inġenji tar-raba' akkumpanjata mill-iScouts tal-QAWRA (tluq minn San Pawl Milqi)

*11:30*
Wirja u Tberik ta' l-annimali

*12:00 - 12:30*
Taħdita minn Sammy Cremona fuq iz-zuntier tal-Knisja - L-Għasir taż-żejt taż-Żebbuġ

*16:00 - 17:00*
Marisa D'Amato
Country and Western

*17:30 - 18.30*
Ta' Verna Gozo Folk Band

*18:30*
Għeluq Uffiċjali u preżentazzjoni





# Ħsieb Spiritwali

## *IR-RUZARJU*

(meħuda mill-ktieb *Il-Misteri tad-Dawl* ta' Fr Martin Micallef OFMCap)

F'Ottubru tal-2002, il-Papa Gwanni Pawlu 11 iffirma l-Ittra Appostolika li ġġib l-isem ta' *Rosarium Virginis Mariae*, jiġifieri 'Ir-Ruzarju tal-Verġni Marija.' Il-Papa jħeġġeġ "ħalli nikkontemplaw il-wiċċ ta' Kristu f'għaqda ma' l-Imqaddsa Ommu u fl-iskola tagħha". Dan għaliex, jispjega l-Papa "ir-Ruzarju, misjub mill-ġdid fit-tifsira sħiħa tiegħu, iwassal għall-qalba tal-ħajja nisranija u joffri opportunita'….għall-kontemplazzjoni personali, il-formazzjoni tal-poplu ta' Alla, u l-evanġelizzazzjoni ġdida".

Meta l-Papa introduċa 'l-misteri tad-dawl' mal-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja, l-iskop kien biex tingħata "ħajja ġdida u tkebbes ħrara ġdida fil-posti tar-Ruzarju fil-ħajja spiritwali nisranija." Permezz ta' l-introduzzjoni ta' dawn il-misteri tad-dawl, nistgħu issa tassew ngħidu li "ir-ruzarju, għalkemm ta' xejra ċara Marjana, fil-qalba tiegħu huwa talba Kristoċentrika". Dan għax ir-Ruzarju huwa nistgħu ngħidu ġabra fil-qosor ta' l-episodji ewlenin ta' l-Evanġelju.

Sabiħ ħafna kif il-Papa jitkellem fuq ir-ruzarju f'din l-Ittra Appostolika. Huwa jsejjaħlu -

> "talba maħbuba minn għadd bla qjies ta' qaddisin",
> "talba ta' tifsira kbira, bil-għan li jġib frott ta' qdusija",
> "ġabra fil-qosor ta' l-Evanġelju",
> "l-eku tat-talba ta' Marija, il-Magnificat dejjiemi tagħha."

Il-Papa jkompli billi jikteb illi bir-Ruzarju, "dawk li jemmnu jiksbu kotra kbira ta' grazzji, daqs li kieku jiksbuha mill-idejn stess ta' Omm il-Feddej."

Imma l-isbaħ parti hija l-esperjenza personali tal-Papa nnifsu meta jgħid hekk –

**"Ir-Ruzarju ssieħeb miegħi f'waqtiet ta' ferħ u f'waqtiet diffiċli.
Fih fdajt numru ta' ħsibijiet;
dejjem sibt faraġ fih...
Ir-Ruzarju huwa talba preferita tiegħi."**

Ejjew ma naħ lux iżjed żmien….
ejjew nibdew ngħidu r-Ruzarju kuljum.



# Tajjeb Tkun Taf

- Il-Legjun ta' Marija kull nhar ta' Gimgħa filgħaxija Mis-6.00 il quddiem sal ħin tal-quddiesa sejjer jibda janima Katina tar-ruzarju fil-parroċċa tagħna.

- Bdejna kors ieħor tal-kitarra. Min jixtieq jibda jattendi javza lill-Kappillan
- Ħaġa sabiħa li min għandu tfal subien iħeġġiġhom jidħlu abbatini. Diga għandna grupp sabiħ. Min jixtieq jista' jagħmel dan liberament, nieħu ħafna pjaċir nara iżjed abbatini.

- Ser jidba grupp ieħor ta' pre Youths għal dawk it-tfal li qegħdin form 1 u form 2. Dan sejjer jibda jsir kull nhar ta' Gimgħa bejn is-6.00pm u 7.30pm ta' filgħaxija dejjem fil-kunvent. Tajjeb li tħajru lit-tfal tagħkom jattendu. Min jixtieq iżjed informazzjoni jista' ikellem lill-kappillan.

- Sejjer jibda kors fuq il-Kmandamenti fil-Knisja. Dan sejjer isir fl-4.30pm minn P. Joseph Butigieg. Kulħadd huwa mistieden

- Nixtieq li jkolna iżjed membri fil-kor tal-Parroċċa. Għalhekk min huwa interessat ikellem lill-kappillan.

.

